# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 7**

**Avviz numru 180/99mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

1. **Carmen Haynes**
2. **Dr. Victor Scerri nominat b'digriet tat-8 ta' Lulju, 1998, bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil imsiefer Tristan Scott Haynes**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Frar, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tmintax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm918.57) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Tristan Scott Haynes mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1998, sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Gunju, 1998, (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Dr Victor Scerri, kuratur deputat biex jirraprezenta lil imsiefer Tristan Scott Haynes fejn eccepixxa:

1. Illi hu m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Haynes fejn eccepiet:

Preliminarjament illi kunjom l-eccippjenti mhuwiex Haynes, izda Formosa (Dok CF 1), anness animo "ritirandi";

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talba attrici, in kwantu diretta kontra taghha, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici peress illi mhiex debitrici tas-socjeta' attrici u qatt ma kellha l-ebda relazzjoni maghha;

Illi l-konvenuta hija legalment separata minn zewgha, l-konvenut l-iehor Tristan Scott Haynes gja mit-28 ta' Lulju, 1998, (Dok CF 1) u hija kienet tghix l-Ingilterra "de facto" separata minnu meta l-istess Haynes issellef flus minghand is-socjeta' attrici u l-eccipjenti qatt ma ffirmat l-ebda document u/jew tat il-kunsens taghha ghal xi self li

seta' jorbot lilha bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn l-allura zewgha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut Tristan Scott Haynes a Fol. 24 fejn huwa ammetta t-talba;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti fil-konfront tal-konvenut Tristan Scott Haynes tal-25 ta' Ottubru, 1999;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizuta mill-provi illi fil-5 ta' Frar, 1994, sar ftehim mall-bank attur (Fol. 35) fejn il-konvenut Tristan Scott Haynes ha xi facilitajiet bankarji.  Dan l-*agreement* huwa kontrosenjat mill-konvenuta.  A Fol 2 hemm *statement* ta' l-ammont pretiz mill-bank attur u dana jibda b'*opening balance* fl-20 ta' Frar, 1997, fl-ammont ta' seba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm749.82).  Gie spjegat illi dak l-ammont gie *carried over* minn xi facilitajiet bankarji illi gew moghtija permezz tal-ftehim tal-5 ta' Frar, 1994.

Sadanittant il-partijiet konvenuti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti Nutar Nicholas Vella tat-28 ta' Lulju, 1998, u ghalhekk il-konvenuta qeda tghid illi m'hijiex responsabbli ghal dan is-self

peress illi kien dahal ghalih esklussivament il-konvenut zewgha Tristan Scott Haynes u safejn taf hija ma kienet iffirmat xejn.

B'referenza ghall-firma illi tidher fuq il-ftehim tal-5 ta' Frar, 1994, il-konvenuta tghid illi l-firma hija simili hafna ghal taghha, pero' ma tiftakarx tiffirmha.  Fi kwalunkwe kaz, skond ix-xhieda ta' Marcelline Warrington (Fol. 46) mill-Credit Services Section tal-Bank of Valletta, l-konvenuta Carmen Haynes kienet ghamlet uzu minn *credit card* illi kienet giet moghtija lilha bhala *supplementary holder* tramite l-ftehim fuq imsemmi tal-5 ta' Frar, 1994.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk meta nghataw il-facilitajiet bankarji fl-1994, il-partijiet kienu ghadhom legalment mizzewgin u ghalhekk kwalunkwe beneficcju moghti minn dak il-ftehim kien gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejnithom.

Il-Qorti ma jidhirlhiex illi tali facilitajiet ghandhom jitqiesu bhala atti straordinarji fil-kuntest ta' l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili.  Il-Qorti taghmel referenza ghan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-bank attur li tirrifletti l-fatti ta' dan il-kaz u hija legalment korretta.  Il-Qorti wkoll taghmel referenza ghal decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fit-12 ta' Marzu, 2001, fl-ismijiet Anthony Mangion vs Mario Fenech Et, fejn dahlet fil-kwistjoni ta' l-esekuzzjoni ta' dejn gravanti l-komunjoni fuq proprjeta' ta' l-istess komunjoni.  Anki f'dan il-kaz kienet saret separazzjoni legali fejn il-partijiet kienu ddikjaraw illi huma m'humiex responsabbli ghad-dejn ta' xulxin.

Ghal dak illi jirigwarda din il-kawza, minkejja s-separazzjoni legali tat-28 ta' Lulju, 1998, fejn allura giet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, kien gia jezisti dejn fuq tali komunjoni favur il-bank attur.  Ghalhekk dan id-dejn huwa gravanti l-proprejta' kollha tal-komunjoni u dina tista' tigi attakkata biex tissodisfa d-dejn u id-divizjoni tal-beni tal-komunjoni ma tehlisx lill-partijiet minn dan il-piz.

Fi kwalunkwe kaz, is-separazzjoni jew il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti huwa dejjem u minghajr pregudizzju a drittijiet ta' terzi persuni (Artikolu 12441 Kap. 16 tal-Kodici Civili) u ghandu biss effett mid-data tar-registrazzjoni ghal dawk id-djun inkorsi wara din id-data.

Ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti illi d-dejn illi dahlu fih il-konjugi permezz tal-ftehim tal-5 ta' Frar, 1994, huwa gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ghandhom ikunu responsabbli t-tnejn li huma in solidum.  Peress illi hemm gia gudikat minn din il-Qorti fil-konfront tal-konvenut Tristan Scott Haynes, il-Qorti sejra tillimita dan il-gudikat fil-konfront biss tal-konvenuta Carmen Haynes.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-bank attur u tikkundanna lill-konvenuta Carmen Haynes li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tmintax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm918.57) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Tristan Scott Haynes mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1998, sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Carmen Haynes.

Anthony Zammit
Deputat Registratur